



Brussell, 9 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10208/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0419(COD)

---

---

LIMITE

ECOFIN 782  
FISC 212  
UD 168  
ENV 674  
CLIMA 305  
CODEC 1102  
*EIB*  
*ECB*

**NOTA**

---

minn: Presidenza

lil: Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2023/956 fir-rigward tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għal oġġetti downstream u għal miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni  
- Approċċ ġenerali

---

**I. INTRODUEZZJONI**

1. Kif imħabbar fil-"Patt għal Industrija Nadifa"<sup>1</sup> u fil-"Pjan ta' Azzjoni għall-Azzar u l-Metalli"<sup>2</sup> fis-17 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2023/956 fir-rigward tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għal oġġetti downstream u għal miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni.<sup>3</sup>

---

<sup>1</sup> Dokument ST 6515/25.

<sup>2</sup> Dokument ST 7288/25.

<sup>3</sup> Dokument ST 16973/25 + ADD 1-6.

2. L-objettivi prinċipali ta' din il-proposta tal-Kummissjoni, li tfittex li temenda r-Regolament (UE) 2023/956 tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri<sup>4</sup> ("ir-Regolament CBAM"), huma:
- a) l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-prodotti aktar 'l isfel fil-katina tal-valur (prodotti downstream) li fihom il-prodotti tal-azzar u tal-aluminju li attwalment jinsabu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament CBAM;
  - b) l-introduzzjoni ta' għadd ta' miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni mfassla biex jipprevjenu l-evitar tal-obbligi tas-CBAM;
  - c) it-titjib tar-regoli tekniċi għall-attribuzzjoni tal-emissjonijiet għall-elettriku bl-għan li titħeġġeġ id-dekarbonizzazzjoni tal-importazzjonijiet tal-elettriku.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar din il-proposta leġiżlattiva fid-19 ta' Marzu 2026.<sup>5</sup> L-opinjoni jiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni għadhom pendenti.

## II. SITWAZZJONI ATTWALI

4. Fid-9 ta' Lulju 2025, il-Coreper stabbilixxa mill-ġdid il-Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (AHWP CBAM), u l-ħidma preparatorja relatata man-negozjati dwar din il-proposta leġiżlattiva taqa' fl-ambitu tal-mandat tiegħu.
5. Il-Presidenza Ċiprijotta tat prijorità lill-ħidma fuq dan il-fajl u stiednet lill-Istati Membri jikkonkludu l-ħidma preparatorja meħtieġa fil-ħin għal-laqgħa tal-Kunsill (Ecofin) ta' Ġunju 2026.

---

<sup>4</sup> ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52–104. Emendat (simplifikat) bir-Regolament (UE) 2025/2083 (ĠU L, 2025/2083, 17.10.2025, ELI:<http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2083/oj> ).

<sup>5</sup> Dokument ST 7828/26.

6. Fil-laqgħa tal-Coreper tat-3 ta' Ġunju 2026 maġġoranza kbira ta' delegazzjonijiet setgħu jaċċettaw it-test ta' kompromess tal-Presidenza, madankollu, l-appoġġ ta' maġġoranza kwalifikata neċessarju għadu ma nstabx.
7. F'dan l-istadju, tliet kwistjonijiet ewlenin (imniżżla fil-Parti III ta' din in-nota) għadhom iridu jiġu solvuti biex jinkiseb mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew dwar dan il-fajl.
8. Barra minn hekk, sabiex tindirizza tħassib ieħor li fadal, il-Presidenza aġġustat l-Artikolu 22(2), li issa jiċċara li għas-sena 2027 id-dikjaranti tas-CBAM jistgħu jiddependu wkoll fuq data reali dwar l-emissjonijiet integrati, sakemm issir verifika qabel il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tagħhom.
9. L-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza, li jirrifletti din l-emenda, jinsab fid-dokument ST 10209/26.

### III. KWISTJONIJIET EWLENIN

*a) Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni (lista ta' kodiċijiet NM, emendi għall-Anness I tar-Regolament CBAM)*

10. Il-kamp ta' applikazzjoni attwali tar-Regolament CBAM huwa limitat għal sett ta' oġġetti materjali bażiċi, elenkati fl-Anness I tiegħu (aluminju, siment, elettriku, fertilizzanti, idroġenu, u hađid u azzar). Dawn il-materjali bażiċi spiss jintużaw bħala inputs intermedji fil-produzzjoni ta' oġġetti aktar 'l isfel fil-katina tal-valur (prodotti downstream). Sabiex tiġi ppreservata l-effettività tal-oġġettivi tas-CBAM, il-Kummissjoni tipproponi li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament CBAM jiġi estiż b'lista ta' 180 oġġett downstream (prodotti li jaqgħu taħt kodiċijiet NM<sup>6</sup> speċifiċi).

---

<sup>6</sup> "Nomenklatura Magħquda" - Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj>).

11. Fil-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanja din il-proposta, il-Kummissjoni ddikjarat li din l-għażla ta' oġġetti saret "bl-użu ta' sett ta' indikaturi tal-effiċjenza u tal-proporzjonalità, inkluż l-emissjonijiet totali tal-produzzjoni u tal-importazzjoni għal kull kodiċi NM u indikatur li jaqbad il-kompożizzjoni materjali tal-prodotti downstream. [...] Barra minn hekk, intużaw indikaturi biex jiġi żgurat li l-għażla tal-oġġetti tqis ukoll il-kumplessità tal-ktajjen tal-provvista. Abbażi ta' dan, il-proposta tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM għal prodotti downstream magħżula intensivi fl-azzar u fl-aluminju b'mod li jimmassimizza l-benefiċċji ambjentali billi tkopri emissjonijiet addizzjonali, filwaqt li tillimita, sa fejn ikun possibbli, il-piż amministrattiv u l-kumplessità għall-importaturi u għall-operaturi ta' pajjiżi terzi."
12. Id-diskussjonijiet fil-Coreper u fl-AHWP CBAM urew li d-delegazzjonijiet kollha jaqblu dwar il-prinċipju li kwalunkwe għażla ta' oġġetti (kodiċijiet NM) li għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM għandha tkun ibbażata fuq sett ta' kriterji oġġettivi.
13. Fl-isfond ta' dawn id-diskussjonijiet, il-kriterji li ġejjin qed jiġu applikati biex jiġi estiż (modifikat) il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni fit-test ta' compromess tal-Presidenza:
- a) jintgħażlu oġġetti li jikkondividu l-familja b'6 ċifri (subintestatura SA) mal-kodiċijiet NM fil-proposta tal-Kummissjoni, u li jissodisfaw il-prinċipju tas-sostitwibbiltà u l-komplementarjetà, filwaqt li jiżdiedu wkoll kodiċijiet li jissodisfaw il-limiti kollha użati bħala l-bażi għall-proposta tal-Kummissjoni;
  - b) jintgħażlu oġġetti li jikkondividu l-familja b'4 ċifri (intestatura SA) mal-kodiċijiet NM fil-proposta tal-Kummissjoni, bil-limitu tal-emissjonijiet (jiġu inklużi biss oġġetti b'emissjonijiet ta' 50 Kt CO<sub>2</sub>e jew aktar għal kull tunnellata ta' oġġett);

- c) ladarba jiġu applikati l-kriterji ta' hawn fuq, jintgħażlu kodiċijiet addizzjonali (u xi wħud jitneħħew mill-proposta tal-Kummissjoni) filwaqt li jitqiesu l-livell ta' emissjonijiet, in-negozjabbiltà, il-materjalità, l-ispeċifitàjiet tal-ktajjen tal-provvista u tal-valur, ir-riskji ta' ċirkomvenzjoni jew sostitwibbiltà, bl-għan li jinżammu l-konsistenza u l-effiċjenza tas-CBAM, filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza ma' politiki oħra tal-UE, bħall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, u tiġi ppreżervata l-ambizzjoni klimatika tal-UE.
14. L-applikazzjoni tal-kriterji ta' hawn fuq tagħti għażla ta' kodiċijiet NM li huma stabbiliti bħala modifika għal-lista ta' kodiċijiet NM fl-Anness I tat-test ta' kompromess.<sup>7</sup>
15. Din l-għażla ta' kodiċijiet NM addizzjonali kienet diġà diskussa fil-laqgħa tal-Coreper tat-3 ta' Ġunju, fejn xi delegazzjonijiet appellaw biex il-lista ta' kodiċijiet NM tiġi estiża aktar, u oħrajn kienu favur approċċ aktar kawt, li tali estensjoni, jekk ikun hemm, tibqa' kemm jista' jkun qrib il-proposta tal-Kummissjoni. Minkejja dan, maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet setgħu jaċċettaw il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza, fejn xi Stati Membri indikaw li ma jkunux f'pożizzjoni li jaċċettaw estensjoni aktar ambizzjuża tal-kamp ta' applikazzjoni minn dik proposta mill-Presidenza.
16. Huwa importanti li jiġi nnotat li t-test ta' kompromess fih ukoll emenda tal-Artikolu 30(3) tar-Regolament CBAM, li tintroduċi rieżami annwali dwar il-prodotti downstream li jistgħu jiġu rakkomandati għall-inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM.

---

<sup>7</sup> Ara "Nota 1" u "Nota 2" fl-aħħar tal-Anness I fid-dokument ST 10209/26 (paġna 81 u paġna 108).

17. Fuq il-bażi ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Presidenza hija tal-fehma li kwalunkwe modifika ulterjuri tat-test ta' kompromess dwar din il-kwistjoni (kwalunkwe estensjoni jew tnaqqis ulterjuri tal-lista tal-kodiċijiet NM) tnaqqas il-livell attwali ta' appoġġ għat-test ta' kompromess. Il-Presidenza temmen li din is-soluzzjoni għandha tkun aċċettabbli għad-delegazzjonijiet fl-ispirtu ta' kompromess, bħala l-pożizzjoni inizjali tal-Kunsill fin-negozjati li ġejjin mal-Parlament Ewropew.
18. Il-Presidenza tixtieq ukoll tenfasizza li l-lista ta' kodiċijiet NM, kif ukoll il-kriterji għall-għażla tagħhom, għandhom jitqiesu bħala mandat "flessibbli", peress li jridu jiġu monitorjati u aġġustati kontinwament abbażi ta' aġġornamenti rilevanti tad-data u informazzjoni oħra sakemm jintlaħaq il-qbil finali dwar dan il-fajl bejn il-koleġiżlaturi.
- b) *L-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tneħħi temporanjament oġġetti speċifiċi mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM (l-Artikolu 27a)***
19. Il-Kummissjoni pproponiet li tissupplimenta r-Regolament CBAM bl-Artikolu 27a, li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex tneħħi oġġetti speċifiċi mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM f'każ ta' ċirkostanzi serji u mhux previsti li jikkawżaw dannu serju lis-suq intern tal-Unjoni. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, tali tneħħija tkun temporanja u ddum sakemm jgħaddu dawk iċ-ċirkostanzi serji u imprevedibbli.

20. Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet kienu kontra għoti daqshekk wiesa' ta' setgħa lill-Kummissjoni (primarjament minħabba r-riskji li tiġi pperikolata l-effettività tas-CBAM u kamp ta' applikazzjoni impreċiż tal-għoti tas-setgħa). Madankollu, diversi delegazzjonijiet jaraw l-Artikolu 27a bħala parti indispensabbli tal-kompromess ġenerali.
21. Sabiex tgħaqqad il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri u tindirizza t-tħassib politiku u legali rilevanti tagħhom, il-Presidenza bdiet tagħmel l-Artikolu 27a aktar ċar, aktar dettaljat u li jiddefinixxi b'mod preċiż il-mekkaniżmu u l-konfini tal-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni.
22. Fil-laqgħa tal-Coreper tat-3 ta' Ġunju, maġġoranza kbira tal-Istati Membri setgħu jaċċettaw it-test ta' kompromess tal-Presidenza ta' dan l-Artikolu, li issa jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tibda l-proċedura għall-esklużjoni temporanja mis-CBAM ta' oġġetti speċifiċi permezz ta' att ta' implimentazzjoni li jista' jiġi adottat taħt kundizzjonijiet stretti ħafna.
23. Madankollu, xi delegazzjonijiet qiesu li l-kriterji li jistgħu jiskattaw l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal att ta' implimentazzjoni huma restrittivi wisq (Artikolu 27 (3a)):
- a) żieda sostnuta fil-prezzijiet (mingħajr ma titqies l-obbligazzjoni finanzjarja tas-CBAM), fejn il-prezz medju tal-importazzjoni espress fi prezzijiet kostanti ta' oġġett li għalih l-UE għandha dipendenza fuq l-importazzjoni żdied b'aktar minn 50 % meta mqabbel mal-prezz medju tal-importazzjoni tal-istess oġġett tas-CBAM matul l-għaxar snin preċedenti;
  - b) sabiex tiġi sostnuta żieda fil-prezz, din għandha tiġi osservata fuq perjodu ta' mill-inqas sitt xhur.

24. Fuq il-bażi tad-diskussjonijiet li saru s'issa u kuntatti bilaterali ulterjuri, il-Prezidenza hija tal-fehma li aġġustament ulterjuri ta' dawn il-kriterji jew kwalunkwe emenda oħra tat-test tal-Artikolu 27a jista' jnaqqas il-livell eżistenti ta' appoġġ għall-kompromess ġenerali.
25. Filwaqt li, f'dan il-kuntest, diversi delegazzjonijiet irreferew għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti, il-Prezidenza tinnotta li fil-komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni "Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fertilizzanti: Sħubija biex jiġu żgurati d-disponibbiltà, l-affordabbiltà, u l-awtonomija strateġika fir-rigward tal-fertilizzanti prodotti lokalment fl-UE"<sup>8</sup>, maħruġa fid-19 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni tindika li:
- (a) *"il-Kummissjoni ser tkompli ttejjeb [is-CBAM], inkluż billi taħdem mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar il-proposti tagħha biex tindirizza r-riskji possibbli ta' ċirkonvenzjoni tas-CBAM sabiex tappoġġa wkoll b'mod effettiv is-settur tal-fertilizzanti tal-UE u b'hekk tnaqqas id-dipendenza tas-settur agrikolu tal-UE kollu kemm hu fuq l-importazzjonijiet", u*
- (b) *"hija meħtieġa wkoll bażi ta' evidenza aktar b'saħħitha dwar l-impatt tal-qafas regolatorju tal-fertilizzanti fuq il-bdiewa. Għalhekk, il-Kummissjoni ser twettaq evalwazzjoni fil-fond ta' kif il-kostijiet relatati mas-CBAM u mal-ETS jingħaddew fil-prezzijiet tal-fertilizzanti mħallsa mill-bdiewa u, fl-aħħar mill-aħħar, fil-prezzijiet tal-ikel. Ser ittejjeb il-bażi ta' evidenza dwar l-iżviluppi fil-prezzijiet fil-livell tal-azjendi agrikoli b'mod usa'."*
26. F'dan il-kuntest, il-Prezidenza tissuġġerixxi li l-Artikolu 27a jiġi aċċettat mid-delegazzjonijiet fil-forma attwali tiegħu, bħala parti mill-mandat ta' negozjar tal-Kunsill u bħala bażi għan-negozjati mal-Parlament Ewropew.

---

<sup>8</sup> Dokument ST 9437/26.

c) ***Ir-reġjuni ultraperiferiċi: dispożizzjonijiet dwar l-eżenzjoni mill-obbligi tas-CBAM (Artikolu 2(13) ġdid possibbli tar-Regolament CBAM)***

27. Mill-bidu tan-negozjati fil-Kunsill dwar dan il-fajl, Stat Membru wieħed għadu jitlob li r-Regolament CBAM jiġi ssupplimentat b'dispożizzjonijiet speċifiċi (l-Artikolu 2(13) ġdid) li jippermettu li ċerti materjali tal-kostruzzjoni<sup>9</sup> (jew, alternattivament, oġġetti li jaqgħu fi ħdan il-familji ta' prodotti tas-siment) importati fir-reġjuni ultraperiferiċi u destinati esklużivament għall-konsum lokali jistgħu jiġu eżentati temporanjament mill-konsegwenzi finanzjarji ġġenerati mir-Regolament CBAM.
28. Din il-kwistjoni tqajmet ukoll fil-laqgħa tal-Kunsill Ecofin ta' Marzu 2026.<sup>10</sup> Din it-talba hija sostanzjata mill-argument li xi wħud mir-reġjuni ultraperiferiċi, minħabba d-distanza tagħhom mit-territorju kontinentali tal-UE, huma partikolarment dipendenti fuq l-importazzjoni u, f'bosta każijiet, ma hemm l-ebda alternattiva vijabbli għar-riallokazzjoni tas-sorsi tal-provvista favur alternattivi "aktar ekoloġiċi". Konsegwentement, huwa argumentat li f'każijiet bħal dawn l-impatt tas-CBAM jista' jkun sproporzjonat mil-lat ta' żieda fil-kostijiet, b'mod partikolari fil-każ tal-materjali tal-kostruzzjoni. Huwa argumentat ukoll li l-impatt ambjentali ta' mekkaniżmu ta' eżenzjoni mmirat sew ikun negliġibbli, u li r-riskji ta' frodi jistgħu jiġu minimizzati b'kontroll u salvagwardji xierqa.
29. Madankollu, s'issa, din it-talba ma kellhiex biżżejjed appoġġ minn Stati Membri oħra. It-tħassib primarju huwa l-ħtieġa li jiġu ppreservati l-konsistenza u l-effettività tas-CBAM, u r-riskji elevati ta' frodi, li jistgħu jegħlbu kwalunkwe benefiċċju potenzjali ta' tali eżenzjoni.

---

<sup>9</sup> Dawk elenkati fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2024/3110 (u li ma għandhomx il-marka "CE").

<sup>10</sup> Dokument ST 7055/26.

30. Il-Presidenza tinnota li l-Kummissjoni qed taħdem kontinwament fuq il-kwistjonijiet relatati mar-regġuni ultraperiferiċi u żżomm perspettiva sħiħa tas-sitwazzjoni, anke fil-kuntest tal-Artikolu 349 TFUE.
31. Fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, il-Kummissjoni tindika li biħsiebha toħroġ inizjattiva ġdida – komunikazzjoni dwar strateġija għar-regġuni ultraperiferiċi<sup>11</sup>. Barra minn hekk, sejħa reċenti għal evidenza mill-Kummissjoni<sup>12</sup>, issemmi wkoll il-possibbiltà ta' inizjattiva leġiżlattiva għal Regolament dwar miżuri ta' simplifikazzjoni tal-politika għar-regġuni ultraperiferiċi tal-UE.
32. Din tipprovdi opportunità għal valutazzjoni ulterjuri dwar jekk hemmx bżonn ta' miżuri trażversali fil-livell tal-UE dwar din il-kwistjoni, u xi tkun l-aktar soluzzjoni xierqa (jekk hijiex meħtieġa emenda speċifika tar-Regolament CBAM jew jekk jistgħux jintużaw miżuri ta' politika oħra biex jiġi indirizzat dan it-tħassib).
33. F'dan il-kuntest, il-Presidenza tissuġġerixxi li, fl-ispirtu ta' kompromess, f'dan l-istadju, il-kwistjoni relatata mar-regġuni ultraperiferiċi ma għandhiex tiġi solvuta fil-forma ta' emenda tar-Regolament CBAM.

---

<sup>11</sup> Dokument ST 14261/25 ADD 1 (Anness I, punt 22).

<sup>12</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/15713-Strategija-g%C4%A7all-regjuni-ultraperiferici-tal-UE\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/15713-Strategija-g%C4%A7all-regjuni-ultraperiferici-tal-UE_mt) (Ref. Ares(2025)9919727 - 17/11/2025)

#### **IV. IL-PASSI LI JMISS**

34. Il-Presidenza hija tal-fehma li t-test ta' kompromess li jinsab fid-dokument ST 10209/26 issa għandu jilħaq il-bilanċ it-tajjeb u jindirizza t-tħassib imqajjem mid-delegazzjonijiet u jikkostitwixxi bażi tajba biex jiġu finalizzati dawn in-negozjati.
  35. Ta' min ifakkar ukoll li bosta aspetti tas-CBAM ser ikunu soġġetti għal rieżami perijodiku skont l-Artikolu 30 tar-Regolament CBAM, sabiex titkompla l-ħidma lejn soluzzjonijiet dejjiema u sostenibbli.
  36. F'dan il-kuntest, il-Kunsill huwa mistieden jilħaq l-approċċ ġenerali dwar it-test tal-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2023/956 fir-rigward tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għal oġġetti downstream u għal miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni, kif stabbilit fid-dokument ST 10209/26.
-